



Brussell, 22 ta' Awwissu 2025  
(OR. en)

12200/25  
ADD 1

PECHE 234  
DELACT 112

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Awwissu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 5599 annex
Suġġett:	ANNESS tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) ..../ li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-estensjoni tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdet aċċessorji tad-denfil komuni ( <i>Delphinus delphis</i> ) u ta' ċetaċji żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 5599 annex.

---

Mehmuż: C(2025) 5599 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 11.8.2025  
C(2025) 5599 final

ANNEX

ANNESS

tar-

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-estensjoni tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni (*Delphinus delphis*) u ta' ċetaċji żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja**

## ANNESS

Il-parti A tal-Anness XIII hija emendata kif ġej:

(1) fil-punt 1.1(b) l-entrata dwar is-subżona 8 tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

“Żona	Irkaptu
Is-subżona 8 tal-ICES	Xbieki tat-tkarkir pelaġiku ta' nofs l-ilma (OTM, PTM, TM) u xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi (PTB) (**)

(\*\*) Din il-miżura għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2026.”;

(2) il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

### **“4. Mīzuri speċjali fil-Golf tal-Biskalja (Subżona 8 tal-ICES)**

4.1 Projbizzjoni tas-sajd:

Is-sajd għandu jkun ipprojbit fl-ilmijiet Franċiżi sal-limitu estern taż-żona ekonomika eskużiva ta' Franzia fis-Subżona 8 tal-ICES bejn it-22 ta' Jannar u l-20 ta' Frar 2026 għal bastimenti ta' aktar minn 8 metri li jġorru abbord xbieki tat-tkarkir pelaġiku (PTM, OTM), xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi (PTB), tartaruni tal-borża (PS), għeżula tal-qiegħ (ankrati) (GNS), pariti (GTR) jew għeżula u pariti kkombinati (GTN).

4.2 Mīzuri ta' monitoraġġ:

4.2.1 Il-miżuri ta' monitoraġġ li ġejjin għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2026.

4.2.2 Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd kollha tal-Unjoni għandhom jirreġistraw separatament fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd il-qabdet aċċessorji tad-dniefel komuni u ta' cetaċċiż żgħar oħra(\*), f'konformità mal-Artikolu 14(8) tar-Regolament (kE) Nru 1224/2009;

4.2.3 L-Istati Membri għandhom jiġbru d-data dwar il-qabdet tad-dniefel komuni u c-ċetaċċiż żgħar oħra permezz ta' osservaturi abbord jew sistemi elettroniċi ta' monitoraġġ li jinkorporaw kameras, billi jkopru:

- mill-inqas 1 % tal-isforz totali tas-sajd imkejjel f'għadd ta' jiem fuq il-baħar għas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiku bil-paranzi (PTM), bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi (PTB), bix-xbieki tat-tkarkir bid-dirġenti pelaġiċi (OTM), bil-pariti (GTR), bl-għeżula tal-qiegħ (ankrati) (GNS) u bit-tartaruni tal-borża (PS) tul is-sena kollha,
- mill-inqas 5 % tal-isforz totali tas-sajd imkejjel f'għadd ta' jiem fuq il-baħar għas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiku bil-paranzi (PTM), bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi (PTB) u bix-xbieki tat-tkarkir bid-dirġenti pelaġiċi (OTM) minn Jannar sa Marzu 2026; kif ukoll

- mill-inqas 7 % tal-isforz totali tas-sajd imkejjel f'għadd ta' jiem fuq il-baħar għall-pariti (GTR) u l-għeżula tal-qiegħ (ankrati) (GNS) minn Jannar sa Marzu 2026.

4.2.4 Matul il-perjodu ta' riskju għoli ta' qabdiet aċċessorji, il-bastimenti jistgħu jkunu mgħammra b'sistemi elettroniċi ta' monitoraġġ li jinkorporaw kameras.

---

(\*) L-ispeċijiet tal-familja *Delphinidae* u l-familja *Phocoenidae* li huma preżenti (b'mod permanenti jew temporanju) fis-subżona 8 tal-ICES.”